# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **468/2023 (AJD)**

## KONRAD GRECH (KI 59773M)
## GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAD-DITTA KPMG

**VS**

## ELITAVIA MALTA LIMITED (C 46032)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għall-ħlas tas-somma dovuta mis-soċjeta' intimata lid-ditta KPMG fl-ammont ta' mija u ħmistax-il elf, disa' mija u erba' Ewro u ħames ċenteżmi (€ 115,904.05), kif eventwalment ridotta għal wieħed u tmenin elf, wieħed u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmi (€ 81,031.74), imressqa permezz ta' rikors ta' Konrad Grech noe preżentat fil-ħamsa (5) ta' Mejju 2023 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar il-ħamsa (5) ta' Mejju 2023, Konrad Grech, għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta KPMG, ikkonferma bil-ġurament tiegħu u talab kif isegwi:

   a. Illi s-soċjeta' konvenuta għandha tħallas lil KPMG debitament rappresentata minn Konrad Grech is-somma ta' mija u ħmistax-il elf, disa' mija u erba' Ewro u ħames ċenteżmi (€ 115,904.05), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta, kif jidher mill-istatement tad-dittra attriċi annessa bħala *Dok A*;

   b. Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut, u għalkemm interpellata, anke uffiċjalment, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;

   c. Illi fil-fehma ta' Konrad Grech għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta KPMG, is-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjoni valida x'tagħti kontra din l-azzjoni, u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex it-talbiet tad-ditta attriċi jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);

3. Għaldaqstant ir-rikorrent noe talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u

   ii. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta intimata tħallas lid-ditta KPMG rikorrenti s-somma minnha dovuta ta' mija u ħmistax-il elf, disa' mija u erba' Ewro u ħames ċenteżmi (€ 115,904.05), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz għas-servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta mill-istess ditta attriċi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li ġie intavolat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali minn meta ġie reż is-servizz, kif jirriżulta mill-*istatement* anness mar-rikors kontra s-soċjeta' konvenuta;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħdax (11) ta' Mejju 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, tletin (30) ta' Mejju 2023, b'ordni lis-soċjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tal-attur noe, u, fin-nuqqas, tgħaddi u tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur noe;

5. Is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat nhar il-ħmistax (15) ta' Mejju 2023;

6. Il-Qorti, waqt is-seduta tat-tletin (30) ta' Mejju 2023, rat illi kien għadu għaddej it-terminu ta' ħmistax-il ġurnata mid-data ta' notifika prefiss mill-Artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk iddiferiet il-kawża għad-disgħa (9) ta' Ġunju 2023;

7. Is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata u msejħa diversi drabi, ma dehritx waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Ġunju 2023, iżda l-attur noe ippreżenta nota ta' riduzzjoni stante illi sar pagament fil-mori tad-differiment.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti, in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti, u x-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent noe;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

10. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi għalkemm oriġinarjament l-ammont mitlub mill-attur noe kien ta' mija u ħmistax-il elf, disa' mija u erba' Ewro u ħames

ċenteżmi (€ 115,904.05), esklużi imgħaxijiet u spejjeż legali dovuti, eventwalment dan l-ammont ġie ridott għal wieħed u tmenin elf, wieħed u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€ 81,031.74), stante illi sar pagament mis-soċjeta' konvenuta fil-mori tal-proċeduri odjerni[1]. Dan l-ammont ġie wkoll konfermat minn Konrad Grech bil-ġurament tiegħu. **Għaldaqstant, il-Qorti sejra tikkonsidra s-somma ta' €81,031.74 bħala dik pretiża mill-attur noe permezz tal-kawża odjerna**;

11. Il-fatt illi l-bilanċ għadu dovut fl-intier tiegħu, huwa fatt illi ma ġiex kontestat. Hekk kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Joseph Xerry et***[2]:

> *Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:*
>
> > *"Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'" – "**Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri",** Qorti Ċivili, Prim'Awla, per Imħ Maurice Caruana*

[1] Vide nota ta' riduzzjoni a fol 12 tal-proċess
[2] Rik Nru 1278/2008, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 10 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

*Curran, 27 ta' Mejju 1970"* [Taliana Carmen v. Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA(PS)]

Is-soċjeta' konvenuta ma ġabet l-ebda prova illi effettivament għamlet xi ħlas ieħor akkont ħlief dak illi sar fil-mori tal-proċeduri odjerni. Infatti, minkejja illi ġiet debitament notifikata bir-rikors odjern, is-soċjeta' konvenuta xorta waħda naqset milli tattendi għas-seduta u/jew mill-inqas tibgħat rappreżentant legali sabiex jidher għan-nom tagħha. Saħansitra anke l-fatt innifsu illi s-soċjeta' konvenuta għamlet ħlas akkont fil-mori tal-proċeduri odjerni, jindika illi s-soċjeta' konvenuta kienet qed tirrikonoxxi illi għandha dejn pendenti fil-konfront tad-ditta rikorrenti. **Għaldaqstant, il-Qorti qed tasal għall-konklużjoni illi t-talba tar-rikorrent noe għandha tintlaqa'**;

12. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrent għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

13. L-Artikolu 5 tal-Kap 13 jiddefinixxi bħala *att ta' kummerċ*, *"kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom"*, u għalhekk m'hemm l-ebda dubju illi l-każ odjern jinkwadra ruħu fis-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 riprodott hawn fuq, b'dana illi l-imgħax legali għandu għalhekk jiddekorri mid-data illi fiha kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni, u cioe mid-data ta' meta ġie reż kull servizz kif indikat fl-

*istatement* immarkat **Dok A** anness mar-rikors promotur (a fol 6 tal-proċess).

**Decide**

14. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tiddikjara</u>** illi l-ewwel talba ġiet sorvolata, u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

(ii) **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba attriċi in kwantu tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lid-ditta KPMG s-somma kif ridotta minnha dovuta ta' **wieħed u tmenin elf, wieħed u tletin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€ 81,031.74)**, liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn prezz għal servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta mill-istess ditta attriċi;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li ġie intavolat kontestwalment, u l-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data illi fiha ġie reż kull servizz kif riżultanti mill-*istatement* anness bħala **Dok A** mar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**